ĦAL QORMI
Citta' Pinto

**KUNSILL LOKALI TA' ĦAL QORMI (Città Pinto) IL-ĦAMES KUNSILL**

**MINUTI SEDUTA NRU. 58 IT-TLIETA 06 TA' DIĊEMBRU 2011**

Il-Kunsill Lokali Itaqa' nhar it-Tlieta 06 ta' Diċembru 2011 fis-7.00 ta' filgħaxija fl-Uffiċċji Amministrattivi tal-Kunsill.

**PREŻENTI (Għaxar Kunsilliera)**

**Is-Sindku** Jesmond Aquilina, **il-Viċi Sindku** Kenneth Busuttil (7:20), **il-Kunsilliera** Angelo Briffa, Jeffery Camilleri, Thomas Harmsworth, Margaret Mercieca, Simon Vella Gregory, Dennis Zammit, Jason Busuttil u Bjorn Azzopardi (7:22).

**Il-Kunsillier** Ralph Puli informa li ma setgħax jattendi minħabba xogħol u kien skużat.

**TALBA**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** qal it-talba.

**58/01 MINUTI TAS-SEDUTA NRU. 57**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill il-Minuti tas-Seduta Nru. 57 li nżammet nhar it-Tlieta 15 ta' Novembru 2011, minuti li kienu ċċirkulati u li ttieħdu bħala moqrija.

**Il-Kunsillier Simon Vella Gregory** issekonda l-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur it-tmien Kunsilliera (8) preżenti**. Ħadd ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda Astensjoni.

**Il-Minuti tas-Seduta numru 57 ġew approvati unanimament** u ffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

**58/02 PUNTI MQAJJMA MILL-MINUTI / KOMUNIKAZZJONIJIET**

**58/02/01** **Is-Sindku** nforma li x-xogħol fuq il-proġett ta' tqegħid ta' pavimentar ġdid fi Triq Dun Ġwakkin Schembri tlesta qabel iż-żmien stipulat fit-tender, sar xogħol ta’ tindif u ħasil tat-triq u t-triq tista' tinfetaħ.

**58/02/02** **Is-Sindku** ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista ta’ l-attendenza tal-Kunsilliera għas-seduti kollha mix-xahar ta’ Lulju sa Diċembru. Il-Lista li tikkomprendi wkoll il-Kunsilliera skużati, kienet approvata, għall-fini tal-*allowance* lill-Kunsilliera. **DOK ‘A'**

**58/02/03** **Is-Sindku** nforma li saret is-sejħa għall-offerti tal-Ġbir tal-*Bulky Refuse*, u tat-Tindif tal-Latrini, kif ukoll inħarġet is-sejħa għat-twaqqif tas-sistema ta' dawl LED fi Triq Dun Ġwakkin Schembri.

**58/02/04** **Is-Sindku** nforma wkoll li l-Kunsill ressaq applikazzjoni quddiem l-*Urban Improvement Fund Committee* għall-fondi għall-proġett ta' din is-sistema ta' dawl LED, kif approvat mill-Enemalta, fi Triq Dun Ġwakkin Schembri.

**58/02/05** **Is-Sindku** ppropona li l-Kunsill iressaq ukoll applikazzjoni lill-Enemalta għat-tkomplija tal-fanali dekorattivi fil-parti ta' Triq il-Kbira minn Pjazza San Franġisk, Każin tal-Banda San Ġorġ sal-kantuniera ma' Triq Santa Katerina. Wara l-approvazzjoni mill-Enemalta ta' din it-talba, għandha titressaq ukoll applikazzjoni lill-*Urban Improvement Fund Committee* għall-fondi għal dan il-proġett. Kien hemm qbil ukoll li titressaq applikazzjoni għall-proġett ta' bdil ta' bankini fi Triq San Bastjan, minn Triq San Ġużepp sa Triq Santu Rokku fuq naħa, u minn Triq Santu Rokku sa Triq San Bartolomew fuq in-naħa l-oħra. B'hekk il-Kunsill ikun ħa ħsieb itella’ tliet proġetti quddiem it-tliet każini tal-Baned tal-lokal.

**58/02/06** **Is-Sindku** nforma li ntalbet stima għat-twaqqif ta' żewġ bozoz fi Triq Mons Ġerald Frendo, fejn dan l-aħħar l-Enemalta waqqfet tlett arbli biex iddaħħal is-servizz tad-dawl, u għalhekk se titressaq applikazzjoni lill-Enemalta għall-approvazzjoni sabiex dawn il-bozoz ikun jistgħu jeħlu ma' dawn l-arbli fi Triq Mons Gerald Frendo, li sal-lum għadha mingħajr dawl fit-triq.

**58/02/07** **Is-Sindku** nforma lill-Kunsill dwar il-mawra ta' jumejn li għamel fi Brussels għall-iffirmar tal-Patt tas-Sindki, fejn ġie mwiegħed ħidma dwar it-tnaqqis tal-emissjonijiet sas-sena 2020. Huwa fisser l-interess li tqajjem minn diversi proġetti li tressqu, fosthom proġett kif jilqgħu l-ilmijiet tax-xita u kif jintuża u jkun riċiklat. Kienet laqgħa tajba ħafna fejn ittieħdu *commitments* li jeħtieġ li jkunu osservati.

**58/03 PAGAMENTI GĦAX-XAHAR TA’ NOVEMBRU 2011**

**Is-Sindku** ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista ta’ pagamenti għax-xahar ta’ Novembru 2011, dokumenti li kienu ċċirkulati u li ttieħdu bħala

moqrija u wara ppropona l-approvazzjoni tal-pagamenti. **DOK 'B1-3'**

**a)** Pagamenti li għad iridu jsiru għax-xahar ta' Novembru
**b)** *Bank Payments* Novembru 2011
**c)** *Petty Cash* Novembru 2011

Ma' dawn il-pagamenti, tressaq ukoll ir-rapport tal-ispejjeż tal-Bread Festival.

**Is-Sindku** ppropona l-approvazzjoni tal-pagamenti u tar-rapport.
**Il-Kunsillier Dennis Zammit** issekonda.

**Ivvutaw Favur** it-tmien Kunsilliera (8) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill unanimament approva** l-pagamenti kollha.

**58/04** **Is-Sindku** nforma lill-Kunsill li kien kiteb lid-Direttur tal-Gvern Lokali fis-17 ta' Novembru fejn ressaq talba għall-estensjoni tas-servizz tas-Segretarju Eżekuttiv is-sur John Farrugia bħala Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill ta' Ħal Qormi. Fid-29 ta' Novembru kien irċieva li din it-talba għall-estensjoni tas-servizz bħala Segretarju Eżekuttiv ma tistax tiġi milqugħa. Is-Sindku fisser li għalhekk il-Kunsill irid jaġixxi f'dawn il-linji, u issa jrid jibda l-proċeduri relevanti biex jinħatar Segretarju Eżekuttiv ġdid, għalkemm id-dipartiment kien informa wkoll li fil-jiem li ġejjin se jinħarġu Linji Gwidi għal Ħatra ta' Segretarju Eżekuttiv.

Tqajjmu diversi mistoqsijiet indirizzati lis-Segretarju Eżekuttiv, li wieġeb li kien se jkompli għaddej bix-xogħol tal-Kunsill sakemm jitlesta l-awditjar kollu tal-finanzi għas-sena 2011, kif ukoll sakemm ikun magħżul is-Segretarju Eżekuttiv il-ġdid u jagħtih *handover* tax-xogħol tal-Kunsill. **DOK 'C1-2'**

**58/05** **Il-Viċi Sindku Kenneth Busuttil u l-Kunsillier Bjorn Azzopardi daħlu għas-seduta.**

**58/06** **RIŻOLUZZJONI**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** ressaq riżoluzzjoni dwar *Vacation Leave* mhux meħud fis-sena 2011 mis-Segretarju Eżekuttiv u mill-Impjegati l-oħra tal-Kunsill sabiex bl-approvazzjoni tal-Kunsill dan ikun trasferit għas-sena 2012.

"Nipproponi li l-Kunsill japprova dan il-*Vacation Leave* mhux meħud matul din is-sena 2011 sabiex ikun akkumulat għas-sena 2012.

(Regolamenti Riżorsi Umani 10(1), skont it-tabella annessa **DOK 'D'**:

**Il-Kunsillier Dennis Zammit** issekonda.

**Ivvutaw Favur l-Għaxar (10) Kunsilliera preżenti.**
**Il-Kunsill unanimament approva din ir-riżoluzzjoni.**

**58/07 DEĊIŻJONI BORD TA' GVERNANZA LOKALI – ILMENT IMRESSAQ MIS-SUR EMANUEL VELLA KONTRA L-KUNSILL LOKALI QORMI**

**Is-Sindku** ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill id-Deċiżjoni tal-Bord ta' Gvernanza Lokali, f'każ li tqajjem kontra l-amministrazzjoni tal-Kunsill fil-qadi ta' dmirijiet għall-ħruġ tal-permessi tat-toroq minn Transport Malta. Is-Sindku spjega li l-Bord hu tal-fehma li l-Kunsill ma' għamel l-ebda diskriminazzjoni jew xi amministrazzjoni ħażina meta nforma lill-Awtorita' tat-Trasport dwar il-problemi serji u speċifiċi li huma soġġetti għalihom l-inħawi msemmija. Ir-rapport tal-Bord jistqarr:

Is-Sur Emanuel Vella ressaq ilment fejn spjega li applika biex ikun jista' jagħmel *house connection* ta' *drainage* ġo Triq is-Sewda Qormi fejn għandu garaxx. Allega li waqt li Transport Malta approvaw l-aplikazzjoni tiegħu, il-Kunsill Lokali Qormi għamillu kundizzjoni li jagħmel 3 meters tarmac *from one pavement to another*. Emanuel Vella jallega li (kwotazzjoni) *'next to me there are patches which are 8 inches wide from one side to another, also there are another two connections of 2 feet wide till the middle of the road.'*

Il-Bord talab spjegazzjoni dwar il-każ mingħand il-Kunsill Lokali Qormi. Il-Kunsill spjega, permezz tas-Segretarju Eżekuttiv is-Sur John Farrugia, li l-Kunsill kien ta l-kummenti tiegħu lill-Awtorita ta' Transport Malta dwar din l-applikazzjoni hekk : " Il-Kunsill ma jsib l-ebda oġġezzjoni bil-kundizzjoni li biex isir dan ix-xoghol se titqatta' wiċċ it-triq li hija wied bil-konsegwenza li l-ilmijiel jibdew jagħmlu ħsara fl-istess Triq/Wied. Għaldaqstant, il-Kunsill jitlob li *r-reinstatement* isir b'tapit skont il-fond tat-tarmak li huwa ta' tminn pulzieri, u li t-Triq ma tingħalaq fl-ebda ħin. " Is-Segretarju Eżekuttiv spjega wkoll fir-risposta tiegħu li l-Kunsill kien "għadu kif għamel xogħol ta' *extensive patching* fl-20 ta' Jannar 2011.

Il-Kunsill ġibed ukoll l-attenzjoni tal-volum u qawwa kbira li jgħaddi l-ilma mill-istess Triq/Wied f'maltempati u ssottometta anke ritratti li juru dan. Is-Segretarju Eżekuttiv spjega wkoll li l-Kunsill "la għandu ħsieb u wisq anqas fondi sabiex (kif allega is-Sur Vella) *'very soon they are going to dig up all the road and do the tunnels in Triq il-Wied.*"

Il-Bord jara li hija responsabbilta' ta' l-Awtorita' ta' Transport Malta li toħroġ il-permess in kwistjoni u għalhekk hija l-Awtorita' tat-Trasport li imponiet il-kundizzjonijiet marbuta ma' dan il-permess. Il-Bord hu tal-

fehma li l-Kunsill ma' għamel l-ebda diskriminazzjoni jew xi amministrazzjoni ħażina meta informa lill-Awtorita' tat-Trasport dwar il-problemi serji u speċifiċi li huma soġġetti għalihom l-inħawi msemmija.

Għaldaqstant il-Bord ma jħossx li l-Kunsill iddiskrima jew ma' aġixxiex korrettament f'dan il-każ.

Is-Sindku tenna li dan ir-rapport jixhed l-aġir korrett li dejjem ħadem bih l-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill Lokali ta' Ħal Qormi. **DOK 'E'**

**58/08 MEMOS - 113 SA 119**

**Is-Segretarju Eżekuttiv** ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista' ta' memos min-numru 113 sa 119 li lkoll kienu mressqa u ċċirkulati għall-attenzjoni tal-Kunsillier. **DOK 'F 1-7'**

Is-Sindku ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill għall-Memo 119 dwar l-Eżenzjoni mill-Obbligu tal-ftuħ tal-Uffiċċju Amministrattiv nhar ta' Sibt fl-24 ta' Diċembru u l-31 ta' Diċembru 2011 fejn il-Kunsilli Lokali qed jiġu mgħarrfa illi f'dawn il-jumejn jistgħu ma jiftħux l-uffiċċju amministrattiv għall-pubbliku. Il-Kunsilli Lokali huma mħeġġa li, jekk jagħżlu li ma jiftħux f'dawn il-jumejn jew f'xi ġurnata minnhom, javżaw lir-residenti tagħhom b'dan kif ukoll jagħmlu avviż fin-*notice board* tagħhom sabiex il-pubbliku jkun imgħarraf.

Il-Kunsill qabel li f'dawn il-ġranet l-Uffiċċju Amminnistrattiv ma jinfetaħx għall-pubbliku u jittieħdu l-passi kollha sabiex jinfuramaw lir-residenti b'dan kollu.

**58/09 KORRISPONDENZA**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill din il-Korrispondenza dwar: **DOK 'G'**

1. Uffiċċju Parrokkjali Arċipriet Dun Anton Cassar dwar xogħol ta' restawr u tisbieġ fuq il-kampnar u l-faċċata tal-Kappella tal-Vitorja.

**58/10** **Il-Kunsilliera Margaret Mercieca** staqsiet jekk il-*leaflets* tal-Kunsill Malti għall-Isports jistgħux jitqassmu mad-Dielja f'kull residenza f'Ħal Qormi. Il-Kunsill approva dan it-tqassim mal-magażin id-Dielja.

**58/11** **Il-Kunsilliera Margaret Mercieca** nfurmat li l-korsijiet ta' Zumba jistgħu jitkomplew mill-Kunsill mingħajr ma jkunu fl-iskema tal-Isport. B'hekk il-

Kunsill jkompli dan il-kors ta’ żfin u ma tintilifx l-interess u l-attendenza li b’suċċess kienet mtella’ sal-lum.

58/12 **Is-Sindku Jesmond Aquilina** nforma li sar att vandalu fuq il-bini tat-Tribuna ta’ Pinto fejn saret tpinġija mal-ħitan tat-Tribuna, kif ukoll mal-ħajt tal-iskola San Bastjan. Il-Kunsill kien infurmat li saru rapporti dwar dawn il-każi fl-għassa tal-Pulizija. Il-Kunsill ikkundanna dan l-att ta’ vandaliżmu. **DOK ‘H'**

58/13 **Is-Sindku Jesmond Aquilina** nforma li l-persuna li kienet intagħżlet fil-proġett pilota "Aktar impiegi fil-Kunsilli Lokali għall-persuni b’diżabilita'" kienet infurmat li se tieqaf taħdem.

58/14 **Il-Kunsill** iddiskuta u unanimament approva l-armar ta' dawl tal-Milied fit-toroq tal-lokalita'. Kien maqbul li dan it-tiżjin isir mill-Għaqda Armar San Bastjan li se jżejnu Triq San Sebastjan, mill-Kumitat Festi Esterni bl-armar fi Triq il-Kbira u mill-Għaqda Soċjo Mużikali Anici fi Triq Sun Gwakkin Schembri u l-madwar. Kien maqbul li n-nefqa tkun bħal dik tas-sena ta’ qabel.

58/15 **KREJN BLA PERMESS FI TRIQ IL-WIED K/M TRIQ IL-BELT VALLETTA**

**Is-Sindku** nforma li wara d-deċiżjoni tal-Qorti dwar il-każ ta’ sproll mis-sur Paul Magri fi Triq il-Wied, fejn b'deċiżjoni tal-Qorti ordnat il-ftuħ ta' din it-triq, din id-deċiżjoni kienet mgħoddija għall-attenzjoni tal-Pulizija sabiex tittieħed azzjoni. Issa l-istess Paul Magri waqqaf krejn mingħajr permess u għalaq it-triq. Dan kien irrapurtat lill-Pulizija iżda sal-lum għadu ma’ sar xejn u għalhekk l-ebda vettura ma tista’ tgħaddi minn din it-triq pubblika.

Sar qbil li jitressaq rapport mill-ġdid għall-attenzjoni tas-Supretendent tal-Għassa ta’ Ħal Qormi dwar dan l-abbuż.

58/15 **KAPTELLI MKISSRA FI TRIQ IL-WIED**

**Il-Kunsillier Jason Busuttil** informa li kienu tkissru numru ta’ kaptelli tal-culvert li jinsab fi Triq il-Wied, u jinsabu ta’ periklu għal min ikun miexi fuq il-bankina. Il-Kunsill kien infurmat li x-xogħol ta’ bdil ta’ dawn il-kaptelli se jsir matul dik il-ġimgħa.

58/16 **PROPOSTA DWAR BILLBOARDS**
Is-Sindku nforma li kien irċieva talba għal-laqgħa minn KAP Services Ltd, aġenzija tar-reklamar dwar reklamar fuq billboards, u dwar dan sejra tinżamm laqgħa dwar din il-proposta.

**58/17 AĠĠORNAMENT**

Kien maqbul li l-laqgħa li jmiss tinżamm nhar it-Tlieta 10 ta' Jannar 2011 fis-7:00 ta’ fil-għaxija.

Il-laqgħa ntemmet fis-7:45 ta’ fil-għaxija.

| | |
|---|---|
| Jesmond Aquilina | John Farrugia |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

Minuti approvati llum ........................ ......... ta’ ....................... 2012.
(Jum) (Data) (Xahar)